| KUNSILL LOKALI SANTA VENERA | SANTA VENERA LOCAL COUNCIL |
|---|---|

**27/19**

**Is-Sebgħa u għoxrin (27) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-23 ta' Ġunju, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |

Aġenda:

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata:
   a) Kuntratt Peritali
   b) Festa Titulari
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 26/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 26/19**

2.2.1 Minuta 2.2.1 - titneħħa l-kelma "kelam" u ssir "kelma".
2.2.2 Minuta 3.1.1 - titneħħa l-kelma "Kinsill" u ssir "Kunsill"
2.2.3 Minuta 8 – titneħħa il-kelma "Kunitati" u ssir "Kumitati"
2.2.4 Minuta 8 - titneħħa l-kelma "prezentati" u ssir "ippreżentati"

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 27 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

Fis-6:38 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Horace J Anastasi.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Minuta 3.1.4 – Is Sindku nforma lill-membri li l-attivita' li saret nhar is-7 ta' Ġunju, 2014 kienet suċċess. L-ispiża sabiex saret din l-attivita' laħqet l-€1673.89. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda r-rendikont finanzjarju ta' din l-attivita'.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li s-somma li ngabret f'din is-serata b'risq Puttinu Cares kienet ta' €550 u s-somma ġiet ippreżentata waqt il-Maratona ta' Puttinu Cares fit-8 ta' Ġunju, 2014.

3.2 Minuta 3.2.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva kontra protest ġudizzjarju mill-Kunsill Lokali ta' B'Kara. Is-Sindku rrimarka li ser jibqa' jsegwi kull żvilupp u eventwalment id-deċiżjonijiet meħuda mill-istess Kunsill.

Is-Sindku rrimarka li minħabba deċiżjonijet żbaljati li ttieħdu mill-Kunsill ta' qabel spiċċajna f'sitwazzjoni fejn l-istess Kunsill kien spiċċa mmarġinat. Hawnhekk saret referenza fost l-oħrajn ta' meta l-Kunsill kien intalab sabiex jibgħat żewġ rappreżentanti fuq il-Kumitat tal-Kummissjoni ARK , iżda l-Kunsill ħasibha mod ieħor u spiċċa jibgħat rappreżentant wieħed biss.

Is-Sur Anastasi rribatta dak li qal is-Sindku billi talbu d-dokument li qiegħed jitkellem fuqu u fl-istess waqt is-Sur Anastasi qal kliem dispreġġjattiv fil-konfront tas-Sindku.

Fis-6.45pm is-Sindku talab lis-Sur Anastasi sabiex jirtira l-kliem li kien għadu kif qal iżda dan ma sarx u għaldaqstant is-Sindku ssosspenda l-laqgħa.

Fis-7.00 pm tkompliet il-laqgħa fejn is-Sindku talab sabiex dan il-każ jittieħed quddiem il-Bord tal-Governanza. Wara s-Sindku ppreżenta wkoll lill-membri dokument elettroniku li kien irċieva nhar il-25 t'Awwissu, 2012 bit-titlu "Rappreżentanti ta' Santa Venera fil-Kummissjoni ARK" fejn propju kkonferma dak li kien qal is-Sindku ftit tal-ħin qabel.

3.3 Minuta 7 – Rapport Amministrattiv – Is-Sindku staqsa lill-Membri għandhomx xi rimarki fuq ir-Rapport Amministrattiv li ppreżenta l-eks Segretarju s-Sur Ranier Busuttil.

Il-Membri qablu unanimament mar-Rapport Amministrattiv.

**4. Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva dwar il-premju Access City. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill ma jistax jipparteċipa ġaladarba hemm klawżola li tindika li biex tipparteċipa l-lokalita' jrid ikollha mhux inqas minn 50, 000 abitant.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri fuq komunikazzjoni li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Alfred Mizzi fejn ġie mitlub sabiex isiru zewg billboards f'Santa Venera.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li ssir applikazzjoni mal-MTA sabiex eventwalmet issir mappa turistika li turi il-konfini u l-postijiet storiċi li jinsabu ġewwa Santa Venera.

Il-Membri qablu unanimament

5. **Skeda ta' pagamenti**: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament.

6. **Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 453 sa lment numru 472.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 453 | Jinbidel il-globu – kiteb lis-Supretendent sabiex minn għamel il-ħsara li tammonta għal madwar €1600 jirrimedja |
| 454 | Ninfurmaw il-kuntrattur li bena |
| 455 | Azzjoni ttieħdet |
| 456 | Ix-xogħol isir meta tinbeda l-resufacing tat-triq Misraħ il-Barrieri |
| 457 | Ninfurmaw lill-kuntrattur tal-ġonna |
| 458 | Azzjoni ttieħdet |
| 459 | Ħaddiema Assenjati |
| 460 | Azzjoni ttieħdet |
| 461 | Niktbu lill-Cleansing Department |
| 462 | Jiġi kkuntatjat ir-resident u ninfurmawh li TM tgħati approvazzjoni biss għal double yellow line 'l fuq mill-garaxx. |
| 463 | Rampa tista' ssir tal-injam. |
| 464 | Ninfurmaw lill-kuntrattur tal-ġonna |
| 465 | Azzjoni ttieħdet |
| 466 | Jintbagħat il-Green Warden |
| 467 | Applikazzjoni ma' Transport Malta |
| 468 | Ix-xogħol isir meta tinbeda l-resufacing tat-triq Misraħ il-Barrieri |
| 469 | Azzjoni ttieħdet |
| 470 | Issir tabella "No left Turn" man-naħa ta' fejn hemm il-ħanut tax-xagħar |
| 471 | Azzjoni ttieħdet |
| 472 | Azzjoni ttieħdet |
| 472 a | Ħaddiema Assejnati |

7. **Ordnijiet tal-Ġurnata**

a) **Kuntratt Peritali**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri sabiex jagħtu daqqa t'għajn il-kuntratt peritali sabiex jekk hemm bżonn isiru t-tibdiliet necessarji qabel mal-Kunsill jibda jaħdem fuq it-Tender li trid toħrog fiż-żmien li gej.

Il-Membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju, fis-7.45 ta' filgħaxija is-Sur Horace J Anastasi ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

b) **Festa Titulari**

Is-Sindku nforma lill-membri li bħal ma sar fi snin ta' qabel il-Kunsill irid jieħu ħsieb:

- mowbajl toilets,
- meters tad-dawl temporanji,
- bukketti tal-fjuri għall-Festa ta' Fleur de Lys u għall-festa ta' Santa Venera.

Il-Membri qablu unanimament

Saret ukoll diskussjoni fuq il-festin li normalment kien isir u ġie deċiż li għal darb' oħra dan m'għandux isir minħabba ċerti commitments li l-Kunsill għandu quddiemu.

8. **Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kunitati li ġew ippreżentati waqt is-27 laqgħa.

9. **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku informa lill-Membri li għall-attivita' tal-11 ta' Lulju, 2014 li ser issir f'Misraħ Santa Venera bi preparazzjoni għall-festa il-Kunsill irrid jipprovdi mowbajl toilets, siġġijiet, dawl u PA system u napplikaw mal-ARMS għall-meter temporanju.

Il-Membri qablu unanimament

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar Memo 17/2014 li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-applikazzjoni tal-"Live Streaming" fejn il-Kunsill irid japplika għas-servizz ta l-internet għall-"live streaming". Din l-applikazzjoni hija valida għal

sena u tista' tiġi estiża għal tlett snin. Il-ħlas kull xahar huwa ta' €25 li jkun reimbursed mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Membri qablu unanimament

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li ricvejna komunikazzjoni biex nipparteċipaw fil-proġett LEAP fejn fil-Kunsill ikollna jaħdmu nies bi bżonnijet speċjali. Fejn id-Dipartiment tal-Familja u Solidarjeta Socjali iħallashom direttament hu tax-xogħol li jkunu qed jagħmlu.

Filwaqt li aħna bħala Kunsill inkunu qed ngħinu lil dawn in-nies biex jintegraw ruħhom fid-dinja tax-xogħol, il-Kunsill jista' jibda jibbenifika minn suppliment ta madwar €270 għal kull persuna. Il-Kunsill ġie infurmat li fuq din il-kriterja għadhom għaddejjin diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Membri qablu unanimament

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġiet ffissata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum: